Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2385

27.10.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/2385

tas-26 ta' Ottubru 2026

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 dwar Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fid-19 ta' April 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 [1], li stabbiliet Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) b'mandat sad-19 ta' Settembru 2018.

(2) Fl-24 ta' Lulju 2026, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2026/1856 [2], li estendiet l-EUTM RCA bi tliet xhur, sal-31 ta' Diċembru 2026, biex jippermetti t-tlestija tar-rieżami strateġiku olistiku tal-EUTM RCA, u tal-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA), li ġiet stabbilita f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/2110 [3].

(3) Fil-qafas tar-rieżami strateġiku olistiku tal-EUAM RCA u tal-EUTM RCA, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel li jestendi l-mandat taż-żewġ missjonijiet sal-31 ta' Awwissu 2028 għal tranżizzjoni b'mod ordnat lejn strumenti oħra tal-Unjoni biex jissawwar mill-ġdid l-involviment tal-Unjoni mar-Repubblika Ċentru-Afrikana, mill-1 ta' Settembru 2028. Għal dak l-għan, ser tiġi ppreżentata strateġija ta' tranżizzjoni mhux aktar tard minn Lulju 2027 abbażi ta' qafas politiku għal approċċ għal kriżijiet għar-Repubblika Ċentru-Afrikana li għandu jitwettaq u jiġi ppreżentat kmieni fl-2027. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-EUTM RCA tingħata l-isem ġdid ta' "Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUMAM RCA)".

(4) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 tiġi emendata skont dan.

(5) L-EUMAM RCA ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u tista' xxekkel l-ilħuq tal-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif jinsabu fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 hija emendata kif ġej:

(1) it-Titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/610 tad-19 ta' April 2016 dwar Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUMAM RCA)".

(2) fit-test kollu, l-isem "EUTM RCA" huwa sostitwit bi "EUMAM RCA"

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/610 tad-19 ta' April 2016 dwar Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) (ĠU L 104, 20.4.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2016/610/oj).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/1856 tal-24 ta' Lulju 2026 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 dwar Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) (ĠU L, 2026/1856, 27.7.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/1856/oj).

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/2110 tad-9 ta' Diċembru 2019 dwar il-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA), (ĠU L 318, 10.12.2019, p. 141, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/2110/oj).

(3) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Unjoni għandha twettaq Missjoni ta' Assistenza Militari fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUMAM RCA) sabiex tikkontribwixxi għar-riforma tas-settur tad-difiża fir-Repubblika Ċentru-Afrikana fi ħdan il-proċess ta' Riforma tas-Settur tas-Sigurtà tar-Repubblika Ċentru-Afrikana kkoordinat mill-MINUSCA.";

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. EUMAM RCA għandu jopera f'konformità mal-għanijiet politiċi u strateġiċi stabbiliti fil- Kunċett ta' Maniġġar ta' Kriżi approvati mill-Kunsill fl-14 ta' Marzu 2016. Biex jinkiseb l-għan imsemmi fil-paragrafu 1 u biex tiġi żgurata tranżizzjoni ordnata lejn strumenti oħra tal-Unjoni, l-EUMAM RCA għandha topera f'konformità mad-dokumenti aġġornati tal-ippjanar operazzjonali.".

(4) Fl-Artikolu 10, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"10. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-ispejjeż komuni tal-EUMAM RCA għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2027 sal-31 ta' Awwissu 2028 għandu jkun ta' EUR 12 993 000. Il-perċentwal tal-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 51(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 għandu jkun 0 % għall-impenji u 0 % għall-pagamenti.".

(5) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-mandat tal-EUMAM RCA għandu jintemm fil-31 ta' Awwissu 2028.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 ta' Ottubru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

M. HEYDON